MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 75/1995/1

**Lucia Grixti**

**vs**

**Joseph Grima bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Grima Communications Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Jannar 1995 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut nomine jiggestixxi l-istazzjon tar-radju "Radio One Live", illum imsemmi "Live FM";

Illi l-attrici, ghal xhur shah, ippartecipat u kkompetiet fil-programm ta' rebh ta' premijiet intitolat "Casino", liema

programm kien jixxandar fuq l-imsemmi stazzjon tar-radju "Radio One Live", ossia "Live FM";

Illi waqt il-programm "live" li sar fl-1 ta’ Jannar, 1993, l-attrici kienet prezenti personalment fl-istudio u fil-kors ta’ dan il-programm hija giet ikkwalifikata fit-tielet post fil-kompetizzjoni suriferita;

Illi l-attrici giet mgharrfa, anke waqt l-istess programm imsemmi, illi hija kienet rebhet "sitting room mill-isbah" minghand id-ditta "Dreamland Bedding Company Limited", liema sitting room giet deskritta bhala "mhux rigal zghir" u li fiha sistema fejn "is-sufan il-kbir taghha jinfetah u jigi sodda ta’ bi tnejn", u dan kif juri t-"tape recording" tal-programm "Casino" tal-1 ta’ Jannar, 1993 (hawn anness u mmarkat Dok. "A") u t-"transcript" tal-istess programm, li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. "B";

Illi meta l-attrici marret biex tirtira dan il-premju, hija giet offruta prodott mhux skond kif kienet giet imwieghda izda ta’ kwalita` u valur ferm inferjuri;

Illi l-premju li hija rebhet minghand il-konvenut nomine baqa’ qatt ma gie kkonsenjat;

Illi minkejja li gie nterpellat diversi drabi, anke permezz ta’ ittra datata t-3 ta’ Marzu, 1994 mibghuta mill-Bord tal-Ilmenti tal-Ghaqda tal-Konsumaturi (Dok. "C"), ittra interpellatorja datata l-15 t’April, 1993 (Dok. "D"), ittra interpellatorja datata s-17 ta’ Gunju, 1993 (Dok. "E") u ittra ufficjali datata l-24 ta’ Mejju, 1994 (Dok. "F"), il-konvenut nomine baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine:

1. Tiddikjara illi l-konvenut nomine m’onorax ir-relazzjonijiet kuntrattwali li dahal fihom mal-attrici stante li ma kkonsenjalhiex is-sitting room "mill-isbah" u b’sistema fejn "is-sufan il-kbir taghha jinfetah u jigi sodda ta’ bi tnejn", definit bhala "rigal mhux zghir";

2. Sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-istess Qorti, jikkonsenja lill-attrici s-sitting room "mill-isbah" u b’sistema fejn "is-sufan il-kbir taghha jinfetah u jigi sodda ta’ bi tnejn", definit bhala "rigal mhux zghir".

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata l-15 t’April, 1993 (Dok. "D"), tal-ittra interpellatorja datata s-17 ta’ Gunju, 1993 (Dok. "E") u tal-ittra ufficjali datata l-24 ta’ Mejju, 1994 (Dok. "F") kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi preliminarjament ghandhom jigu sfilzati mill-process ta’ dina l-kawza d-Dokumenti mmarkati "A" u "B" rispettivament billi dawna saru ex parte u ma hemm l-ebda awtenticita` ufficjali jekk tabilhaqq humiex riproduzzjoni fidila ta’ dak li tabilhaqq sehh tul l-allegat programm, apparti mill-fatt li bhala prova ghandha tingab l-aqwa prova li hija x-xhieda tal-persuni li kienu nvoluti w li dina tista’ jew setghet facilment issir;

2. Illi minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma nfondati kemm bhala fatt, kif ukoll skond il-ligi, kif jintwera fil-mori tal-kawza, biss il-konvenut qed izomm risponsabbli ghal kull forma ta’ danni li qed isofri, sofra jew jista’ jsofri, lill-istess attrici u jirriserva li jiehu dawk il-passi legali li jidhirlu xieraq u opportun li jiehu skond il-kaz kontra l-istess attrici.

3. Illi jekk l-attrici hija mara legalment mizzewwga u mhux legalment isseparata, in linea preliminari n-nullita` ta’ dina c-citazzjoni stante li fid-dawl tal-emendi ghall-Ligijiet ta’ Malta li bdew isehhu mill-1 ta’ Dicembru, 1993, dina l-kawza kellha tigi ntavolata wkoll mill-istess ragel tal-attrici;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-19 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dott. Maria Dolores Gauci sabiex tiehu x-xiehda u tircievi dokumenti prodotti minnhom;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Dwar it-tielet eccezzjoni ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-istat ta' l-attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, mill-provi prodotti tirrizulta l-awtenticita` tal-kontenut tad-dokumenti esibiti u konsegwentement anke din l-eccezzjoni hi michuda.

Fil-mertu, jirrizulta mill-provi li l-attrici kienet tippartecipa fi programm tar-radio bl-isem ta' "Casino" fuq l-istazzjon Live FM qabel Radio One Live. Hija kienet tippartecipa f'kompetizzjoni imtella' fl-imsemmi programm billi ccempel regolarment. Il-premjijiet finali kienu jiddependu mill-punti mtellghin mill-partecipanti u fil-fatt hija giet fit-tielet pozizzjoni. Kif jirrizulta mir-registrazzjoni tat-tape esibit mill-attrici f'dawn il-proceduri, il-prezentatur ta' dan il-programm Joe Deleonardo meta kien qieghed jiddeskrivi l-premjijiet li ntrebhu qal testwalment hekk:

*"Ta' min jghid illi kemm James Cassar ir-rebbieh li l-izjed wiehed fil-fatt li tella' punti f'dan il-programm kif ukoll Victor [Sammut] kif ukoll Lucia Grixti li ha tkellimna fi ftit mumenti ohra - infakkar lis-semmiegha taghna li r-rigali taghhom kienu dawn li se nsemmu. Ghal James Cassar ghandna salott jew sitting-room mill-isbah, sitting-room li hija ultra-moderrna nista' nghidilkom tiswa hafna u hafna flus. Ghandha sistema din illi l-pultruna l-kbira taghha din tinfetah u tigi sodda, tigi sodda ta' bi tnejn verament sabiha. Barra dan ir-rigal ghal James li kif diga` habbart qed jigi gentilment moghti mid-ditta Dreamland ta' B'Kara,*

*James rebah ukoll …. Victor rebah sitting-room ukoll sabiha ferm ghandha sistema wkoll li l-pultruna kbira taghha tinfetah u tigi bhal sodda kif ukoll rebhet sett bhalu Lucia Grixti. Il-vantagg li se jkollu Victor huwa dan: illi minn dawn l-ahhar zewg settijiet ghandu dritt li jaghzel liema jrid hu imbaghad Lucia tiehu li jifdal. Izda nista' naccertak Lucia illi mhux ghax se tiehu li jifdal - ghandek sitting-room mill-isbah"*

U aktar 'il quddiem fil-programm qal hekk:

*"Lucia kif ghidtilkom ukoll rebhet rigal minghand id-Dreamland, mhux rigal zghir, rigal, kif ghidtilkom, sitting-room mill-isbah kif jafu jaghmluhom id-ditta Dreamland u dina s-sitting-room ukoll ghandha sistema li s-sufan il-kbir taghha jinfetah u jigi sodda ta' bi tnejn."*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut nomine jghid li l-prezentatur seta' esagera xi ftit fl-entuzjazmu tieghu ghal dak li jirrigwarda l-premjijiet u dan ghalhekk m'ghandux jinzamm kontra l-konvenut nomine. Jista' jaghti l-kaz li l-prezentatur esagera xi ftit fid-deskrizzjoni tal-premjijiet bhala "mill-isbah" u "ultra-moderni" izda m'hemm l-ebda dubju li kien car meta qal li l-premjijiet ta' min ikklassifika t-tieni u t-tielet kienu jikkonsistu t-tnejn f'sitting-room u li d-differenza kienet li t-tieni klassifikat kellu l-ewwel ghazla. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan seta' jfisser biss li xi differenza bejniethom kien hemm, ez. fit-tapezzerija izda mhux necessarjament fil-prezz, galadarba t-tieni klassifikat kien qieghed jinghata x-xelta ta' l-ghazla. Sitting-room normalment jikkonsisti almenu f'sufan u zewg pultruni. Kliem il-prezentatur stess jaghti wiehed x'jifhem li kien hemm aktar minn bicca wahda peress li huwa jiddeskrivi "is-sufan il-kbir taghha". Dan jikkontrasta ma' dak li xehed l-istess Joe Deleonardo fis-16 ta' Dicembru 1999 meta prodott mill-konvenut nomine fejn qal li l-ewwel premju kien sitting-room u l-ohrajn kienu divans li jinfethu f'sodda. U jikkontrasta wkoll ma' dak li kien xehed fil-31 ta' Jannar 1999 meta prodott mill-attrici fejn ikkonferma d-diskors li kien qal waqt il-programm ta' l-1 ta' Jannar 1993 u li r-rigal kienu jghidulu bih il-manager jew xi hadd mis-salesmen. Hemm differenza sostanzjali bejn divan u

sitting-room u ghalhekk din il-Qorti temmen li kieku l-premjijiet in kwistjoni kienu "divans" il-prezentatur kien jghid hekk u mhux jirreferi ghalihom bhala "sitting-room". Fil-fatt Victor Sammut li rebah it-tieni premju accettah u qal li tawh "sufan corner, two-seater, u one-seater times two".

Il-konvenut nomine jilmenta wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-istazzjon ma ha xejn bhala konsiderazzjoni minghand l-attrici bil-partecipazzjoni taghha fil-programm u ghalhekk jekk qatt kien hemm xi forma ta' kuntratt bejniethom, dana ghandu element nieqes u huwa null. Ghal dan l-attrici twiegeb fin-nota ta' osservazzjijiet taghha li, ghall-kuntrarju ta' dak li qal il-konvenut nomine, kien hemm il-quid pro quo ghaliex minghajr il-partecipazzjoni ta' l-attrici u semmiegha ohra illi ppartecipaw u kkonkorrew, il-konvenut nomine ma setax itella' b'success dan il-programm u dan fuq medda ta' sena shiha u jibbenefika mill-flus ta' l-isponsors u tar-reklami li jikkostitwixxu n-nutrijent ewlieni li fuqu jghix kwalunkwe stazzjon tar-radju jew mezz kwalsiasi iehor ta' l-istampa. Dan huwa kollu minnu. Fil-kaz in ezami, l-istazzjon tar-radju in kwistjoni obbliga ruhu li lir-rebbieha tal-kompetizzjoni mtella' fil-programm casino, jaghtihom premjijiet kbar. Kull ma kellhom jaghmlu s-semmiegha biex jirbhu kien li jippartecipaw f'dik il-kompetizzjoni u jtellghu l-punti. Ghalhekk l-attrici ma kienet mistennija taghti l-ebda "konsiderazzjoni" lill-istazzjon salv tali partecipazzjoni. Fi kwalunkwe kaz kuntratt jista' jkun unilaterali fis-sens li persuna tobbliga ruhha lejn persuna ohra minghajr ma jkun hemm ebda obbligazzjoni min-naha ta' din ta' l-ahhar (art. 961 tal-Kodici Civili). F'dan il-kaz kien l-istazzjon tar-radju li kien qieghed jobbliga ruhu li jipprovdi numru ta' premjijiet lir-rebbieha tal-kompetizzjoni.

Fil-programm ta' l-1 ta' Jannar 1993 thabbru l-premjijiet li kienu rebhu l-ewwel tlieta klassifikati u l-attrici giet dikjarata bhala r-rebbieha tat-tielet premju. Bhala tali ghandha dritt ghal dak li gie mwieghed lilha, cioe` sitting-room tad-Dreamland, u mhux biss "siggu li jinfetah". Naturalment m'ghandhiex tippretendi - bhalma qal li fehem James Cassar li hu kien rebah - "salott bil-kewba u

bil-pannu go fih", izda (bhalma kien il-premju li rcieva Victor Sammut) sitting-room b'almenu tliet bicciet konsistenti f'"sufan li jinfetah u jigi sodda ta' bi tnejn" u zewg pultruni, u dawn minn tad-ditta Dreamland.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara illi l-konvenut nomine m'onorax ir-relazzjonijiet kuntrattwali li dahal fihom ma' l-attrici stante li ma kkonsenjalhiex "sitting-room" kif kien imwieghed, u

(2) Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex fi zmien tliet xhur jikkonsenja lill-attrici "sitting-room" kif fuq definit f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------